MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 150/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Daniel Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Daniel Cutajar talli fit-18 ta' Jannar 2005, ghall-habta tad-9.00 a.m. zamm jew issekwestra l-persuna ta' Claudette Cutajar billi ma hallihiex tohrog mir-residenza matrimonjali cioe` Flat 1, Anchor House, Triq il-Buttar, M'Scala; u aktar talli werwer lill-istess Claudette Cutajar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Daniel Cutajar hati

ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Daniel Cutajar pprezentat fil-11 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti 1) tannulla u/jew thassar is-sentenza appellata stante n-nuqqas ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li tisma’ l-kaz in ezami skond il-ligi; 2) sussidjarjament tirrevoka l-istess sentenza u tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih, jew 3) sussidjarjament ukoll tvarja l-istess sentenza appellata billi tnaqqas il-piena applikata;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-procedura segwita quddiem il-Qorti tal-Magistrati. L-appellant jghid li l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u li hi bazata fuq l-artikolu 86 tal-Kap. 9 tidhol fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istuttorja. Konsegwentement, isostni l-appellant, huwa kellu jitressaq quddiem <u>dik</u> il-Qorti u l-procedura segwita kellha tkun dik applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha bhala Qorti Istruttorja, bil-fakolta` tas-sommarjeta` skond id-disposizzjonijiet applikabbli ghall-kaz.

Ir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi huwa reat punibbli skond l-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali bi prigunerija ghal perijodu minn seba' xhur sa sentejn. Skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 tal-Kap. 9, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali d-delitti msemmijin fil-Kodici Kriminali meta jaqghu taht il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, jew tal-prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sitt xhur biz-zieda jew minghajrha tal-multa jew ta' l-interdizzjoni. Evidentement ghalhekk, ir-reat kontemplat fl-artikolu 86 ma jaqax taht il-kompetenza

originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Il-proceduri gew inizjati mill-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fid-dawl ta' dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, dan sar inkorrettement. Il-Pulizija Ezekuttiva kellha tipprocedi kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja b'dan li setghet, kieku riedet, tottjeni l-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja qabel ma inizjat dawn il-proceduri kontra l-appellant u b'hekk kienet tigi segwita l-procedura msemmija fis-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 370 tal-Kap. 9.

Pero`, galadarba l-proceduri gew istitwiti mill-Pulizija Ezekuttiva quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali meta din ma kinitx kompetenti biex tittratta l-kaz, dak li kellha taghmel l-ewwel Qorti kien li tiddikjara li r-reat dedott kontra l-appellant kien jaqbez il-kompetenza taghha u tipprocedi bil-kompilazzjoni mehtiega bhala Qorti Istruttorja - dan setghet taghmlu in virtu` ta' dak li jiddisponi l-*proviso* tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 370. Il-*proviso* ta' l-artikolu 86 li jiddisponi li fil-kazijiet hfief il-Qorti tista' taghti l-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa huwa rrilevanti. Il-procedura ma tiddependix minn piena mnaqqsa li l-Qorti tista' tikkunsidra wara li tkun hadet konjizzjoni tal-mertu tal-kaz.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa gustifikat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, tannulla u thassar is-sentenza appellata u tordna lir-Registratur biex minnufih jibghat l-atti processwali lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi mill-istadju li kien ezistenti fil-mument li nqraw l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant fit-2 ta' Mejju 2005 u qabel ma' dik il-Qorti erronejament ghaddiet ghas-smiegh tal-provi u ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------